REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/226

tas-7 ta' Frar 2017

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Stephen QUEST
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Ġugarelli, ippreżentati fl-istess pakkett għal bejgħ bl-imnut, li jikkonsistu minn: — ferrovija li taħdem bil-batterija u vagun, tal-plastik. — binarji tal-injam, — sinjal tat-traffiku, karozzi, figuri umani, annimali, siġar, eċċ. Ara l-istampa (*)	9503 00 70	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 9503 00 u 9503 00 70. Il-klassifikazzjoni taħt il-kodiċi NM 9503 00 30 bħala "ferrovija elettrika, inkluż il-binarji, sinjali u aċċessorji oħrajn għalihom" hija eskluża minħabba li s-"sett" fih ukoll ġugarelli oħrajn tal-injam u tal-plastik, bħal sinjali tat-traffiku, karozzi, figuri umani, annimali, siġar, eċċ., li min-naħa tagħhom huma ġugarelli. Dawk il-ġugarelli mhumiex direttament konnessi mal-ferrovija elettrika u l-binarji bħal stazzjon tal-ferrovija, il-qsim tal-binarji jew il-pont tal-ferrovija konsegwentement ma jkunux u mhumiex meqjusa bħala aċċessorji ta' ferrovija elettrika (Ara wkoll in-Nota ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 9503, (D) (iv)). Is-"sett" tal-ġugarelli jikkonsisti minn tipi differenti ta' oġġetti, iddisinjati għall-mogħdija taż-żmien tat-tfal jew l-adulti, impoġġija fl-istess pakkett għal bejgħ bl-imnut (ara wkoll l-HSEN għal Kapitolu 95, Informazzjoni Ġenerali u Noti ta' Spjegazzjoni għal kodiċi NM 9503 00 70). Għaldaqstant l-oġġett għandu jkun ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 9503 00 70 bħala "ġugarelli oħrajn, ippreżentati f'settijiet".

(*) L-istampa qiegħda hemm biss għal raġunijiet ta' informazzjoni

